# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 17 TA' GUNJU, 2002.**

**Avviz Nru: 98/02 AJD**

**Alfa Company Limited.**

**vs**

**Emanuel Degiorgio.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta'tlett mitt' lira Maltin (Lm300.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonenjata u ta' servizzi rezi lilu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2000 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa’ ma deherx u l-anqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Hubert Dalli, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300.00), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Novembru 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**